MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 273/2009

Abdalla Ahmed Abdalla **BASHSHAR**

vs

**MINISTRU TAL-AFFARIJIET BARRANIN**, Onorevoli Prim Ministru, Ministru tal-Intern, Avukat Ġenerali; Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-Ordni mogħti mill-imħarrkin fit-22 ta' Diċembru, 2008, li ma laqax it-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija ma jiswiex, huwa null u mingħajr effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi minħabba li d-deċiżjoni

hija msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti, saret għal għanijiet mhux xierqa, u minħabba li l-istess għamil jikser il-liġi, għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fost l-oħrajn; u (b) tordna lill-imħarrkin biex jagħtuh rimedju xieraq billi jiddikjarawh ċittadin Malti skond il-liġi. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' April, 2009, li bih tat ordnijiet lill-attur għat-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu u kif ukoll li ssir in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf lill-imħarrkin;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-30 ta' April, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni tal-attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu t-talbiet attriċi u qalu li l-artikolu 4(1)(ġ) u (ħ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd biss għal dawk il-barranin li jkunu miżżewġa lil persuna li hija ċittadina Maltija jew jgħixu ma' persuna bħal dik. Jgħidu li l-attur la kien jgħix ma' martu wara li żżewwiġha u lanqas meta din mietet, b'mod li ma jistax jitqies bħala "persuna eżenti" għall-finijiet tal-liġi. Żiedu jgħidu li t-talba tal-attur biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija ma ntlaqgħetx fl-interess pubbliku, u li huma mxew sewwa u skond il-liġi biex waslu għad-deċiżjoni li waslu għaliha. Temmew jgħidu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tagħti r-rimedju li l-attur qiegħed jitlob;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2010[1] li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-5 ta' Jannar, 2012[2];

[1] Paġ. 25 tal-proċess
[2] Paġġ. 98 sa 101 tal-proċess

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Frar, 2012, bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn deċiżjoni amministrativa li biha ma ntlaqgħetx talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija. Huwa jrid li l-Qorti tħassar dik id-deċiżjoni u li tordna li l-awtoritajiet jilqgħu t-talba tiegħu u jagħtuh iċ-ċittadinanza;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu t-talbiet attriċi u qalu li l-artikolu 4(1)(ġ) u (ħ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd biss għal dawk il-barranin li jkunu miżżewġa lil persuna li hija ċittadina Maltija jew jgħixu ma' persuna bħal dik. Jgħidu li l-attur la kien jgħix ma' martu wara li żżewwiġha u lanqas meta din mietet, b'mod li ma jistax jitqies bħala "persuna eżenti" għall-finijiet tal-liġi. Żiedu jgħidu li t-talba tal-attur biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija ma ntlaqgħetx fl-interess pubbliku, u li huma mxew sewwa u skond il-liġi biex waslu għad-deċiżjoni li waslu għaliha. Temmew jgħidu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tagħti r-rimedju li l-attur qiegħed jitlob;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur twieled l-Eġittu f'Jannar tal-1968 u huwa ċittadin ta' dak il-pajjiż. Fit-22 ta' Lulju tal-1997, iżżewweġ lil waħda Jane Gatt, li kienet ċittadina Maltija. Iż-żwieġ kien reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Illi fil-25 ta’ Lulju, 1997, l-attur ressaq talba lid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta’ l-*Expatriates* (aktar ’il quddiem imsejjaħ “id-Dipartment”) biex jirreġistra bħala ċittadin ta’ Malta[3]. Flimkien ma’ dik it-talba, tressqet talba wkoll biex l-atturi ikun jista’ jibqa’ jgħix f’Malta[4]. Dak inhar ukoll, mart l-attur kitbet lid-Dipartiment u dan bagħat jgħarrafha fit-30 ta’ Awissu, 1997[5], li żewġha l-attur kellu l-jedd li jibqa’ f’Malta u li jaħdem ukoll. L-attur intalab biex jgħaddi b’kopja ta’ dik l-ittra u bil-passaport tiegħu għand l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni, ħalli jittimbralu l-passaport tiegħu. Fi Frar tal-1999, fil-passaport tiegħu sar it-timbru biex jixhed l-istatus tiegħu[6];

Illi wara li kiseb il-jedd tal-“*freedom of movement*” f’Malta, l-attur beda jaħdem, kien reġistrat mad-Dipartimenti tas-Sigurta’ Soċjali[7] u tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud. Huwa kien isiefer ukoll minn Malta għal barra bosta drabi bla xkiel ta’ xejn;

Illi xi żmien wara ż-żwieġ tal-attur ma’ Jane Gatt, mart l-attur instabet ħatja ta’ reati b’għadd ta’ sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u minn Novembru tal-1999 ntbagħtet isservi l-pwieni fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Matul iż-żmien li kienet il-ħabs, l-attur ma mar iżurha qatt;

Illi Jane Gatt ħarġet mill-ħabs, wara li skontat il-pwieni kollha, fil-bidu ta’ Mejju tal-2006 u mietet fil-15 ta’ dak l-istess xahar[8];

Illi f’April tal-2008, l-attur qabbad avukat biex jikteb lid-Direttur imħarrek u jistaqsi dwar il-qagħda tal-attur fid-dawl tal-fatt li t-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza Maltija li kienet saret fl-1997 kienet għadha ma ntlaqgħetx. F’Ġunju d-Direttur bagħtlu t-tweġiba u fissirlu x’kienu r-raġunijiet li żammew milli titmexxa ’l quddiem it-talba tal-

[3] Dok “JM”, f’paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[4] Dok “JM2”, f’paġġ. 41 – 4 tal-proċess
[5] Dokti “AB3” u “JM3”, f’paġġ. 21 u 45 tal-proċess
[6] Dok “AB5”, f’paġ. 24 tal-proċess
[7] Dok “AB4”, f’paġ. 22 tal-proċess
[8] Dok “JM5”, f’paġ. 47 tal-proċess

attur[9]. Fit-22 ta' Diċembru tal-2008[10], id-Direttur imħarrek bagħat jgħarraf lill-attur li ma kenitx qiegħda tintlaqa' t-talba li huwa kien ressaq f'Lulju tal-1997 biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija;

Illi f'Jannar tal-2009[11], l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin, u talabhom jerġgħu iqisu mill-ġdid it-talba tiegħu biex tingħatalu ċ-ċittadinanza Maltija;

Illi billi l-imħarrkin ma bidlux il-fehma tagħhom, fl-20 ta' Marzu, 2009, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi fit-28 ta' Marzu, 2011, l-attur raġa' żżewweġ mara Maltija f'Londra u rreġistra dak iż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku f'Malta f'Awissu tal-2011[12];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-każ, l-Qorti trid tqis sewwasew fuq liema bażi l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu ta' stħarriġ ġudizzjarju. Huwa jqis li d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet biex ma tintlaqax it-talba tiegħu li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija kienet waħda li saret għal għanijiet mhux xierqa, imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u li kienet, b'mod ieħor, tmur kontra l-liġi (art 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li l-attur jorbot il-jedd tiegħu mal-fatt li huwa jgawdi l-istatus ta' persuna eżenti għall-finijiet tal-artikolu 4(1)(ġ) u (ħ) tal-Att tal-1970 dwar l-Immigrazzjoni[13] u fuq il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti f'Malta jagħrfu dan l-istatus tiegħu billi għal dan l-għarfien huwa jwettaq l-obbligi li jġib magħhom. Fuq kollox, jisħaq li meta kien talab li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, l-qagħda tiegħu kienet waħda li bis-saħħa tagħha ma jistax ikun li t-talba tiegħu ma kellhiex tintlaqa';

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża ma hemm l-ebda dubju li l-attur kien tassew iżżewweġ persuna ta' ċittadinanza Maltija. Fiż-żmien ta' dak iż-żwieġ, kien

[9] Dok "JM4", f'paġ. 46 tal-proċess
[10] Dok "JM1", f'paġ. 40 tal-proċess
[11] Dok "AB1", f'paġ. 16 tal-proċess
[12] Dok f'paġ. 96 tal-proċess
[13] Att. IX tal-1970 (Kap 217)

mogħti li persuna barranija li tiżżewweġ ċittadin ta’ Malta setgħet titlob li hija wkoll issir ċittadin ta’ Malta. Tajjeb li jingħad, kif sewwa jissottomettu l-imħarrkin, li fiż-żmien li l-attur ressaq it-talba biex jingħata ċ-ċittadinanza ta’ Malta (f’Lulju tal-1997) il-liġi li kienet tirregola l-għoti taċ-ċittadinanza kienet il-Kostituzzjoni. Kemm hu hekk, il-liġi ordinarja li tirregola ċ-ċittadinanza kienet tagħmilha ċara li ma kenitx tiswa għal kull applikazzjoni għal għoti ta’ ċittadinanza li saret qabel il-15 ta’ Awissu tal-1999[14];

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-aspett ma jistax jitwarrab meta tqis il-każ tal-attur. Għalkemm id-deċiżjoni mid-Direttur imħarrek li minnha jilminta l-attur u li hu jrid it-tħassir tagħha ttieħdet f’Diċembru tal-2008, il-kejl tas-siwi tagħha jrid jitqies fil-qafas ta’ dak li kien mitlub mil-liġi fiż-żmien li saret it-talba[15];

Illi fiż-żmien li l-attur ressaq it-talba biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, kienet il-Kostituzzjoni ta’ Malta li tirregola l-kriterji li fuqhom persuna li tiżżewweġ ċittadin ta’ Malta kienet tkun eliġibbli biex tikseb iċ-ċittadinanza Maltija hija wkoll. Dak iż-żmien[16], l-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni kien jistipula li “*(1) Kull persuna li fi jew wara l-ġurnata stabbilita tiżżewweġ lil xiħadd li jkun jew li jsir ċittadin ta’ Malta jkollha d-dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b’dak il-mod li jista’ jkun preskritt u wara li tieħu l-ġurament tal-lejalta’, tkun reġistrata bħala ċittadin ta’ Malta. (2) B’seħħ mill-1 ta’ Awissu, 1989, ħadd ma jkollu jedd jiġi reġistrat bħala ċittadin ta’ Malta bis-saħħa ta’ dan l-artikolu ħlief jekk: (a) il-Ministru jkun soddisfatt li l-għoti ta’ ċ-ċittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku; u (b) fid-data ta’ l-applikazzjoni tagħha dik il-persuna kienet għadha miżżewġa ma’ ċittadin ta’ Malta, jew tkun l-armla jew l-armel ta’ persuna li kienet ċittadin ta’ Malta filwaqt tal-mewt tiegħu jew tagħha*”;

Illi d-Direttur imħarrek jgħid li ċ-ċaħda tat-talba tal-attur għall-għoti lilu taċ-ċittadinanza Maltija kienet dettata minn kunsiderazzjonijiet ta’ interess pubbliku. Dan it-tħassib

---

[14] Art. 27(2) tal-Kap 188
[15] P.A. TM **2.11.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Fenech vs Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku*** (mhix appellata)
[16] Qabel ma tħassret bis-saħħa tal-Att III tal-2000

ħareġ mill-fatt li daħal is-suspett li l-attur inqeda biż-żwieġ biex jorbot lilu nnifsu mal-fakulta' li jkun jista' jidħol u joħroġ minn Malta bla xkiel u li jkun jista' jaħdem hawnhekk. Fl-ewwel lok, intwera li wara li l-attur ressaq it-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza, naqas li jagħmel dan, minkejja li ntalab għadd ta' drabi[17]. Ħareġ ukoll li kemm hu u kemm ukoll martu kienu iddikjaraw f'dokumenti pubbliċi li kienu joqogħdu għal rashom f'żewġ indirizzi 'l bogħod minn xulxin. Meta d-Direttur imħarrek kiteb lill-attur, kitiblu f'indirizz li ma kienx dak li kien semma l-attur bħala l-indirizz li fih kien qiegħed jgħix meta ressaq it-talba għall-għoti ta' ċittadinanza. Meta Jane Gatt bdiet isservi l-pwieni fil-faċilita' korrettiva, iddikjarat li ma kenitx miżżewġa[18]. Lill-awtoritajiet, irriżultalhom ukoll li l-attur kien jagħmel żmien barra minn Malta u li ma kienx hemm ħajja komuni bejnu u l-mara li żżewweġ, ukoll meta din kienet għadha ma ntbagħtitx isservi s-sentenzi fil-faċilita' korrettiva. Dawn jidher li huma ħwejjeġ li d-Direttur imħarrek iddikjara li qies meta ħa d-deċiżjoni li ma jilqax it-talba tal-attur;

Illi, min-naħa l-oħra, jidher li l-attur jisħaq wisq li t-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza ma messhiex ma ntlaqgħetx ladarba huwa jgawdi l-istat ta' "persuna eżenti" skond l-att dwar l-Immigrazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-għoti tal-istat ta' persuna eżenti ma jridx jitqies fl-astratt u m'hijiex tal-fehma li l-għoti ta' stat bħal dak inissel il-jedd awtomatiku għall-għoti taċ-ċittadinanza. Dak l-istat irid jintrabat ma' ċirkostanza jew ċirkostanzi partikolari (maħsuba mil-liġi nnifisha) li jippermettu lil persuna barranija (u mhux ukoll ċittadin tal-Unjoni Ewropeja) milli jitneħħa minn Malta wara li jagħlaqlu ż-żmien li għalih hu tħalla jidħol f'Malta. Kemm hu hekk, l-attur innifsu jorbot is-siwi tal-imsemmi stat tiegħu mal-fatt li kien iżżewweġ lil Jane Gatt u li kien għadu miżżewweġ lilha meta din mietet;

Illi huwa jgħid li l-argument tal-imħarrkin li hu ma kienx jgħix mal-mara tiegħu ma jiswiex għaliex sa mill-1999 sal-waqt tal-mewt tagħha martu kienet miżmuma l-ħabs

[17] Xhieda ta' WPC Moira Cortis 17.1.2011, f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
[18] Ara Dok "AZ1", f'paġ. 75 tal-proċess

tiskonta l-pwieni imposti fuqha mill-Qrati. Huwa jgħid li dan ġab li ma kienx f'qagħda li jgħix magħha. Il-Qorti ssib li dan huwa minnu: madankollu, l-imġiba (jew aħjar, in-nuqqas ta' mġiba) tal-attur f'dan ir-rigward ukoll jagħtu 'l wieħed x'jifhem. Kemm hu hekk, fis-seba' snin li Jane Gatt kienet il-ħabs, l-attur ma żarha qatt[19]. Kif sewwa jargumentaw l-imħarrkin, lanqas kien f'Malta meta Gatt temmet isservi ż-żmien tagħha fil-faċilita' korrettiva u meta mietet ftit jiem wara li ħarġet minn hemm u kellhom jgħaddu x-xhur qabel raġa' ġie Malta wara mewtha. B'żieda ma' dan, ħareġ ukoll li r-raġuni għaliex l-attur (fl-2006, jiġifieri madwar seba' snin wara li kien ressaq it-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza Maltija) raġa' mar id-Dipartiment kienet minħabba li, sadattant, kien inħariġlu passaport ġdid Eġizzjan u ried li jsirlu t-timbru fuqu biex juri li huwa jgawdi l-istat ta' persuna eżenti;

Illi għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jdgħajfu l-każ tal-attur. Jagħtuha x'tifhem li l-interess tiegħu kien, l-ewwel u kważi f'kollox, li ma jitneħħiex minn Malta u mhux li jindokra tassew ir-rabta taż-żwieġ. Jidher li dan il-ħsieb tiegħu raġa' tennieh matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża billi raġa' żżewweġ (fir-Renju Unit) persuna oħra, x'aktarx ta' ċittadinanza Maltija, li lanqas intwera li tgħix f'Malta. Fehmiet u mġiba bħal dawn huma raġunijiet tajba biżżejjed biex id-Direttur imħarrek jitħasseb fuq kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku li ma jħallix persuna barranija tinqeda b'istituzzjoni (f'dan il-każ iż-żwieġ) biex tilħaq għanijiet li ma jseddqux tassew dik l-istituzzjoni;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li d-diskrezzjoni mħaddma mid-Direttur imħarrek ma kenitx imsejsa la fuq kunsiderazzjonjjiet barra minn posthom jew fiergħa jew irrilevanti, u lanqas għal għanijiet mhux xierqa. Huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[20]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun

---

[19] Xhieda ta' Spettur Abraham Żammit 17.1.2011, f'paġġ. 84 – 5 tal-proċess
[20] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, _Administrative Law_ (10tth. Edit), pġ. 295

wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[21]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[22]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti ma ssibx li d-Direttur imħarrek inqeda b'mod irraġonevoli bid-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi jew li mexa mal-attur b'mod mhux raġonevoli;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma seħħlux juri tassew li d-deċiżjoni minnu attakkata ttieħdet bi ksur tal-liġi, u għalhekk, m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tista' ttemm hawn il-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu tal-azzjoni tal-attur, ukoll dwar it-tieni talba attriċi, ladarba din tiddependi minn jekk tkunx intlaqgħet jew le l-ewwel waħda. Madankollu, hija tħoss li jkun xieraq li tindirizzaha fil-qosor, fid-dawl ta' waħda mill-eċċezzjonijiet fil-mertu mtella' mill-imħarrkin. Din tgħid li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-parti attriċi ma tistax titlob lill-Qorti tiddetta x'għandha tkun id-deċiżjoni li l-awtorita' ammijistrattiva jmissha tieħu, jew li tieħu fuqha sergħat li l-liġi tagħtihom biss lil dik l-awtorita';

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni l-fehma tagħha li s-setgħat tagħha meta tintalab tistħarreġ għamil amministrativ hija dik li tqis is-siwi ta' għamil bħal dak (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għamil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik lawtorita' li twettaq, bid-

[21] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[22] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

diskrezzjoni xierqa, l-għamil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[23];

Illi għal kull fini tajjab, il-Qorti sejra tqis **l-eċċezzjoni preliminari** ta' wħud mill-imħarrkin. L-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru, Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali jgħidu li ddaħħlu fil-kawża għal xejn għaliex mill-għamla ta' azzjoni mibdija mill-attur u miċ-ċirkostanzi tal-każ, ma kienx posthom f'din il-kawża. Huma joqogħdu fuq dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta u jgħidu li l-kuntradittur leġittimu huwa d-Direttur imħarrek biss;

Illi l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba. L-għemil amministrativ li l-attur ilmenta minnu kien wieħed li sar mid-Direttur imħarrek, li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt id-direzzjoni u kontroll tal-imħarrek Ministru tal-Affarijiet Barranin. Ma ntwera bl-ebda mod li l-imħarrkin l-oħrajn kienu b'xi mod imdaħħla fil-ġrajja kollha jew f'xi parti minnhom. L-attur innifsu ma jressaq l-ebda kumment jew sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni. Minbarra dan, il-liġi hija ċara li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern biss f'dawk il-kawżi fejn, minħabba n-natura tat-talba, l-azzjoni ma tistax titressaq kontra xi kap ta' Dipartiment[24], u l-fatt li bil-liġi kull att ġudizzzjarju mressaq kontra l-Gvern irid ikun notifikat lill-Avukat Ġenerali[25], ma jġibx b'daqshekk li l-istess Avukat Ġenerali jsir kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi f'kawża bħal dik;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari billi hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi:

---

[23] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***
[24] Art. 181B(2) tal-Kap 12
[25] Art. 181B(3) tal-Kap 12

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** preliminari tal-imħarrkin u ssib li l-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-attur;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ssibx li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur imħarrek li ma tilqax it-talba tal-attur li jingħata ċ-ċittadinanza ta' Malta kienet tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi tmur lil hinn mis-setgħat ta' din il-Qorti f'azzjoni bħal din u billi, f'kull każ, ma kienx hemm raġuni tajba biex il-Qorti tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-istess Direttur imħarrek;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tad-Direttur imħarrek; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------